MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 551/2004

**Ballut Blocks Services Ltd (C 8360)**

**Vs**

**Bayswater Engineering Ltd**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas ta' elf tmien mija wiehed u tmenin Lira Maltija tnejn u erbghin centezmu (Lm1881.42) rapprezentanti prezz ta' concrete bricks u concrete mibjugha u konsenjati lis-socjeta konvenuta mill-attrici.

Bl-imghax legali mit-8 ta' Awissu 2003 u bl-ispejjes inkuzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 23 ta' Marzu 2004 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat mal-avviz kontra s-socjeta konvenuta rapprezentanti ta' liema gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fl-24 ta' Novembru 2004 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1881.42 bl-imghax legali mit-23 ta' Marzu 2004 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Marzu 2004 u tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru tal-15 ta' Ottubru 2004, imsemmi fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------